MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 517/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Carmelo Cutajar**
**vs**

**Carmel Schembri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fl-4 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tnejn u tletin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm332.83) u dana in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u tnejn u tletin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm332.83) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm28.00) lill-attur Carmelo Cutajar, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kienet qed isuq il-vettura bin-numru ABG-642 fid-9 ta'**

**Dicembru, 2000, gewwa z-Zurrieq, habat mal-vettura numru HAO-673 proprjeta` ta' Carmel Cutajar u ikkaguna danni f'din l-istess vettura.**

**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru, 2001 (notifikata fit-2 t'Ottubru, 2001) u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenut, u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-16 t'April, 2002 fejn intqal:**
**i. Illi l-incident de quo ma garax tort tal-konvenut izda unikament htija ta' l-attur Carmelo Cutajar;**
**ii. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni;**
**iii. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-atturi;**
**iv. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' PS184 Saviour Cacciatolo, Carmelo Cutajar, Maria Fatima Cutajar u Carmel Schembri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Dicembru, 2000 ghall-habta tas-7.05p.m. fi Vjal-il-Blue Grotto, Zurrieq. Involuti fl-incident kienu il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAO-673 misjuqa mill-attur, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABG-642 misjuqa mill-konvenut. Skond**

**ir-“road accident report” esibit, dak in-nhar ta’ l-incident kien hemm iz-zlieq, u kien hemm ic-cpar.**

**2. Din it-triq hija “dual carriageway” u ghandha linja bajda taqsam iz-zewg karreggjati, liema linja bajda hija kontinwa, hlief ghall-parti fejn gara l-incident, f’liema parti hija linja interrotta, biex tippermetti l-vetturi jduru ghall-go “side road/parking area”. Jirrizulta li ma sarx skizz tal-kollizzjoni peress illi l-vettura tal-konvenut iccqalqet, u skond ma jghid l-istess konvenut “baqghet titkaxkar”.**

**3. Jirrizulta li z-zewg vetturi kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni, cioe` gejjin mid-direzzjoni ta’ fejn hemm ir-“roundabout” bil-funtana, sejrin fid-direzzjoni ta’ Wied iz-Zurrieq.**

**4. Hemm verzjonijiet konfliggenti dwar kif gara l-incident. L-attur u martu li kienet passiggiera mieghu, qed isostnu li l-attur kien fejn id-“dotted white line” u li dak il-hin li ntlaqat, l-attur kien wieqaf bl-indicator mixghul, lest biex jaqsam id-“dotted white line” biex idur lejn il-lemin biex jidhol fis-“side street” fuq in-naha l-ohra tat-triq. L-attur jghid:**

**“Waqaft biex nara jekk hux gej traffiku, meta fsalt, waqt li kont hiereg, giet il-vettura sparata u laqtitni.”**

**L-attur jghid li qabel ma gara l-incident f’ebda hin ma ra l-vettura li laqtitu.**

**Skond il-konvenut, l-attur li kien qed isuq fl-istess direzzjoni tieghu, kien warajh fuq ix-xellug tieghu, meta f’hin minnhom il-konvenut sema’ daqqa u sab lill-attur fil-bieba tax-xellug tieghu. Jghid li l-attur qabel ma habat kiser biex jidhol f’”parking area”. L-attur jghid li qabel ma gara l-incident f’ebda hin ma ra l-vettura li laqtitu.**

**5. Jirrizulta li l-attur kellu d-danni fuq il-bieba ta’ quddiem in-naha tal-lemin, kif ukoll il-‘front panel” u l-“bumper”, u dana kif indikat fir-ritratti Dok.C u CC2, u skond is-survey. Il-konvenut kellu danni fuq quddiem in-naha tax-xellug, fuq il-bieba u l-mera, u “rear mudguard”. Dwar id-danni ndikati fir-“rear mudguard” dawn fil-fehma tat-tribunal graw peress illi, kif xehed il-konvenut, wara l-habta ma waqafx izda baqa’ jitkaxkar.**

**6. Fil-fehma tat-Tribunal, u tenut kont tal-konfigurazzjoni tat-triq, kien wisq improbabbli jekk mhux impossibbli, li wiehed li gej mir-roundabout jaqbez vettura, jekk dik il-vettura tkun proprju mad-"dotted line". Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal ta' bilfors l-attur kien xi ftit il-gewwa mil-linja interotta, anke jekk mhux b'hafna, pero` tant illi tippermetti li ssir l-manuvra mil-konvenut ta' surpass.**

**7. Ma hemmx dubbju li fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li l-art kien fiha z-zlieq u li t-temp kien imcajpar, il-manuvra tal-konvenut kienet manuvra azzardata, u ma kienx attent sufficentement ghat-traffiku li kellu quddiemu. Mill-at l-iehor ma hemmx dubbju wkoll li l-manuvra ta' l-attur li kien quddiem il-konvenut, kienet manuvra li biha kien ser jiddisturba l-kors tat-traffiku, u kien jinkombi fuqu wkoll li juza d-debita diligenza u jara li jista' jikser minghajr ma' jaghmel dannu lill-hadd. Ghalkemm ghandu jigi sottolinjat li min gej minn wara ghandu obbligi aktar mis-sewwieq ta' quddiem, ghax kien jinkombi principalment fuq il-konvenut li jara li l-istat tal-vetturi ta' quddiemu. It-Tribunal qed iqies li z-zewg sewwieqa naqsu pero` ghar-ragunijiet li ntqalu naqas izjed il-konvenut, u ghalhekk it-Tribunal qed jattribwixxi it-tort tal-kollizzjoni li sehhet in kwantu ghall-zewg terzi lill-konvenut u terz lill-attur.**

**8. Dwar id-danni qed jintalab il-hlas ta' tlett mija u tnejn u tletin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm332.83) u dana in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u tnejn u tletin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm332.83) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm28.00) lill-attur Carmelo Cutajar. It-Tribunal qed iqies li s-socjeta` attrici hi intitolata ghall-zewg terzi minn tlett mija u erba' liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (304.83) ossija mitejn u lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm201.88), filwaqt li l-attur hu intitolat ghall-zewg terzi ta' tmienja u ghoxrin lira Maltija ossija tmintax-il lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm18.66).**

**Ghaldaqstant in kwantu l-konvenut kien jahti ghall-incident de quo fil-grad ta' zewg terzi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fl-ammonti msemmija, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici assikuratrici s-somma ta' mitejn u lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm201.88), u lill-attur is-somma ta' tmintax-il lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm18.66) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum, salv u impregudikat kull dritt tal-konvenut fil-konfront ta' l-atturi.**
**In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attur.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**